Verżjoni Elettronika

A.L. 222 tal-2020

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "il-Ħames Skeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew id-dati li l-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, jista' b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

Iżid partita ġdida mat-Taqsima Wieħed tal-Ħames Skeda.

2. Minnufih wara l-partita 12 tat-Taqsima Wieħed tal-Ħames Skeda, għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"*Provvista ta' oġġetti f'konformità mas-subpartita (2) tal-partita 12A tat-Tieni Skeda*

13. Il-provvista ta' oġġetti lil persuna taxxabbli li titqies li rċeviet u pprovdiet dawk l-oġġetti f'konformità mas-subpartita (2) tal-partita 12A tat-Tieni Skeda.".

Iżid partita ġdida mat-Taqsima Erbgħa tal-Ħames Skeda.

3. Minnufih wara l-partita 2A tat-Taqsima Erbgħa tal-Ħames Skeda, għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

Verżjoni Elettronika

"*Importazzjoni ta' oġġetti fejn il-VAT għandha tiġi dikjarata taħt l-iskema speċjali fis-Sezzjoni 4 tat-Taqsima Sebgħa tal-Erbatax-il Skeda*

2B. L-importazzjoni ta' oġġetti fejn il-VAT għandha tiġi ddikjarata taħt l-iskema speċjali fis-Sezzjoni 4 tat-Taqsima Sebgħa tal-Erbatax-il Skeda u fejn, sa mhux aktar tard mill-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni, in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud individwali għall-applikazzjoni tal-iskema speċjali tal-fornitur jew tal-intermedjarju li jaġixxi għan-nom tiegħu, allokat skont is-Sezzjoni 4 tat-Taqsima Sebgħa tal-Erbatax-il Skeda, ġie pprovdut lill-uffiċċju doganali kompetenti f'Malta.".